Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

11.11.2025

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Iżvezja – EGF/2025/003 SE/Northvolt (2025/0326(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2025. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fis-16 ta' Ġunju 2025, l-Iżvezja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Northvolt (Northvolt AB) u tas-sussidjarji tagħha kif ukoll fi 13-il sottokuntrattur, fornitur u produttur downstream fl-Iżvezja; billi din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament FEG; billi l-intrapriża ewlenija topera fis-setturi ekonomiċi kklassifikat fid-Diviżjoni 71 tan-NACE, Reviżjoni 2, (Attivitajiet tal-arkitettura u tal-inġinerija; ittestjar u analiżi tekniċi); billi s-sensji li saru minn Northvolt jinsabu prinċipalment fir-reġjuni NUTS 2 ta' Övre Norrland (SE33), Stokkolma (SE11), u Östra Mellansverige (SE12);

B. Billi, l-Iżvezja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jeħtieġ il-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u fi produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 5 829 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet f'Northvolt (Northvolt AB) u fis-sussidjarji tagħha, kif ukoll fi 8 sottokuntratturi, fornituri, u produtturi downstream, fil-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mit-28 ta' Novembru 2024 sat-28 ta' Marzu 2025; billi, minbarra dawn il-ħaddiema, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu wkoll 657 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza; billi l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 6 486;

D. Billi fit-28 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill bi proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur l-Iżvezja biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 5 800 benefiċjarju fil-mira;

E. Billi l-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa avveniment ta' ristrutturar kbir li jikkonċerna lil Northvolt AB, segwit mill-falliment tal-intrapriża fit-12 ta' Marzu 2025; billi Northvolt AB twaqqfet minn investituri privati fl-2016 f'tentattiv biex tiġi stabbilita industrija Ewropea tal-batteriji u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-manifatturi Ċiniżi; billi fabbrika tal-batteriji, imsejħa Northvolt Ett, infetħet fil-muniċipalità ta' Skellefteå f'Ġunju 2022, u Northvolt Labs ġiet stabbilita bħala kampus ta' riċerka fil-muniċipalità ta' Västerås; billi Northvolt Ett, kienet ġiet stabbilita bl-għan li timmanifattura batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi elettriċi u għall-ħżin tal-enerġija;

F. billi, madankollu, malajr tfaċċaw problemi serji fil-proċess tal-produzzjoni u matul l-2023, il-produzzjoni f'Northvolt Ett kienet qed tilħaq biss 0.5 % tal-kapaċità

inizjalment ippjanata tagħha; billi minħabba dan id-dewmien, klijenti ewlenin ta' Northvolt ma kellhomx għażla għajr li jikkanċellaw l-ordnijiet tagħhom. billi, fl-istess ħin, il-produtturi Ċiniżi tal-batteriji biegħu batteriji b'nofs il-prezz meta mqabbla ma' Northvolt, grazzi għal sussidji mill-Istat; billi fid-dawl tal-pożizzjoni dominanti taċ-Ċina, u bit-tir li jsiru indipendenti mill-produtturi Ċiniżi, ħafna ekonomiji globali ssussidjaw ukoll ħafna l-produzzjoni tal-batteriji tagħhom stess, u dan irriżulta fi provvista żejda konsiderevoli, bil-produtturi Ċiniżi waħedhom kapaċi jissodisfaw id-domanda globali;

G. Billi fis-7 ta' Awwissu 2025, Lyten, kumpanija start-up Amerikana, ħabbret l-intenzjoni li tieħu f'idejha l-produzzjoni tal-batteriji ta' Northvolt; billi din it-tranżazzjoni bħalissa qed tiġi approvata mill-awtoritajiet Żvediżi; billi bħalissa mhux ċar meta l-produzzjoni tista' terġa' tibda, u kemm ħaddiema jistgħu jiġu impjegati mill-ġdid;

H. Billi l-falliment ta' Northvolt huwa l-akbar falliment fl-Iżvezja fiż-żminijiet moderni; billi, filwaqt li l-awtoritajiet Żvediżi ma jistennew l-ebda impatt kbir fil-bliet ta' Västerås u Stokkolma, madankollu b'aktar minn 5 000 spostament ta' impjiegi, l-impatt fuq il-belt ta' Skellefteå (popolazzjoni ta' 36 000 fil-belt u 77 000 fil-muniċipalità) huwa sever kif muri miż-żieda qawwija fir-rata tal-qgħad minn 2.9 % għal 8.2 % wara l-falliment ta' Northvolt; billi, għaldaqstant, l-awtoritajiet Żvediżi ddeċidew li jiffukaw l-assistenza tal-FEG fuq Skellefteå, filwaqt li l-forza tax-xogħol f'Västerås u fi Stokkolma se tiġi infurmata dwar il-possibbiltà ta' miżuri tal-FEG, u l-assistenza se tingħata fuq talba;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024.

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati bl-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali meħtieġa b'mod urġenti tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-

Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Iżvezja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 8 526 322 skont ir-Regolament tal-FEG, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 14 210 537, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 13 663 977 u n-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar ta' EUR 546 560;

3. Jinsab imħasseb li kwalunkwe dewmien fir-rigward tal-appoġġ lill-ħaddiema biex isibu impjieg ġdid jista' jirriżulta f'eżodu ta' mħuħ li se jaffettwa b'mod sever lir-reġjun, peress li ħafna ħaddiema kienu ċċaqalqu lejn Skellefteå fit-Tramuntana tal-Iżvezja biss għall-impjieg f'Northvolt; ifakkar li 29 % tal-benefiċjarji fil-mira huma taħt it-30 sena u 68 % għandhom bejn 30 u 54 sena filwaqt li 64 % minnhom għandhom edukazzjoni terzjarja; jissottolinja, barra minn hekk, li 40 % tal-forza tax-xogħol ta' Northvolt kienu ċittadini ta' pajjiżi terzi, li l-permessi tax-xogħol u tar-residenza tagħhom jiddependu mill-impjieg tagħhom;

4. Jilqa' l-fatt li Iżvezja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

5. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin: (a) valutazzjoni fil-fond u ppjanar individwali, (b) attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg u kkowċjar, (c) appoġġ għall-bidu ta' negozju proprju, (d) appoġġ għall-investiment fi start-up (persuni li qed ifittxu impjieg li jibdew il-kumpanija tagħhom stess se jkollhom l-opportunità li japplikaw għal appoġġ speċifiku għall-investiment sa EUR 22 000), (e) taħriġ fis-suq tax-xogħol, (f) korsijiet ta' taħriġ fi ħdan is-sistema edukattiva regolari, (g) Passi lejn ix-Xogħol (miżura mmirata lejn benefiċjarji partikolarment vulnerabbli li jistgħu jeħtieġu appoġġ speċjali biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol jew isegwu l-edukazzjoni), u (h) allowances (allowance għal internships, allowances għal dawk li jkunu qed iħejju biex iniedu negozju proprju, allowance ta' attività għal dawk li jipparteċipaw b'mod attiv fil-miżuri ta' taħriġ offruti, allowance għall-mobbiltà mħallsa biex tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-ġarr jekk jinstab impjieg ġdid f'reġjun ieħor, spejjeż tal-ivvjaġġar għall-parteċipazzjoni f'intervisti għal xogħol barra mill-belt);

6. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffukaw b'mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; il-kontenut tal-kors jinkludi żoni bħall-kontroll loġiku programmabbli (PLC, programmable logic control), l-awtomatizzazzjoni industrijali, il-ġestjoni tal-produzzjoni diġitali, it-teknoloġija effiċjenti fl-enerġija u l-ipprogrammar bażiku;

7. Jisħaq li l-Iżvezja kkonfermat li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhu se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta’ miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif prevista fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.